Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,023, 12 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 257 ta' l-2000

ATT DWAR L-ARKITETTI U INĠINIERI ĊIVILI (PERITI) (KAP. 390)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Warrant* ta' l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti), il-Ministru ta' l-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Warrant* ta' l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti).

A.L. 210 ta' l-2000.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-*Warrant* ta' l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament li hemm għandu jiġi enumerat bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subregolament li ġej:

"(2) Persuni li japplikaw kif imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, għandhom jitqiesu bħala li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti), jekk għall-perjodu hemm imsemmi, tali persuna li tapplika tkun għamlet il-prattika tagħha ma' detentur ta' *warrant* prattikanti u ċertifikat mid-detentur ta' *warrant* jew detenturi ta' *warrant* li magħhom tkun qegħda ssir dik il-prattika li jkun jiċċertifika li l-persuna li tapplika tkun hekk għamlet it-taħriġ tagħha, għandu jkun prova biżżejjed ta' dak it-taħriġ.".